MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 58/1995/2

**Joseph u Stella konjugi Borg**

**v.**

**Mariano u Maria Saliba**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1.1. Din hija ritrattazzjoni ad istanza tal-atturi ritrattandi Joseph u Stella, konjugi Borg, minn sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-4 ta’ Lulju 2008 fil-kawza fl-ismijiet

premessi u li permezz taghha l-imsemmija ritrattandi qeghdin jitolbu li din il-Qorti,

(i) thassar u tirrevoka s-sentenza ta' din il-Qorti tal-Appell moghtija fl-4 ta' Lulju 2008 f'din il-kawza;

(ii) tittratta l-istess kawza a tenur tal-Artikolu 811(k) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u in segwitu, filwaqt li tichad it-talbiet kollha tal-konvenuti ritrattati, tilqa' t-talbiet taghhom bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti u dan wara li taghti il-provvedimenti kollha li jidhrilha opportuni.

1.2. Ikun utli li jinghad li permezz tal-procedura originali, l-atturi ritrattandi kienu talbu mill-Qorti tal-ewwel grad dikjarazzjoni li l-konvenuti ritrattati ma jgawdu ebda servitu` ta' passagg minn fuq il-fond taghhom numru 78, Triq Ghajn Mellel, Zebbug, Ghawdex, b'zewg mandretti annessi mieghu, u li, konsegwentement, li l-imsemmija konvenuti Mariano u Maria konjugi Saliba jigu inibiti milli jghaddu minn fuq il-fond taghhom jew b'xi mod jezercitaw dritt ta' passagg minn fuq l-istess fond.

1.3. B'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali fid-19 ta' Jannar 2005, dik il-Qorti ddecidiet billi cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, u laqghet it-talbiet attrici, u dana fis-sens li:
"(1) tiddikjara li l-fond tal-atturi deskritt fic-citazzjoni promotorja huwa liberu minn kwalunkwe servitu` ta' passagg jew moghdija favur ir-raba tal-konvenuti; u

"(2) konsegwentement tinibixxi lill-istess konvenuti milli jghaddu minn fuq il-fond tal-atturi ghal fuq il-proprjeta` taghhom jew b'xi mod jezercitaw dritt ta' passagg ossija moghdija minn fuq l-istess fond.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti."

1.4. Gie interpost appell min-naha tal-konvenuti minn dik is-sentenza, u b'sentenza ta' din il-Qorti moghtija fl-4 ta' Lulju 2008, din il-Qorti ddecidiet billi, filwaqt li laqghet l-appell tal-konvenuti, irrevokat is-sentenza tal-ewwel Qorti

u, konsegwentement, <u>cahdet it-talbiet attrici kif dedotti</u>, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi.

**<u>IT-TALBA TAL-ATTURI RITRATTANDI GHAL FINI TA' RITRATTAZZJONI</u>**

2. L-atturi ritrattandi qeghdin jibbazaw it-talbiet taghhom fuq l-Artikolu 811(k) tal-Kap. 12, (u dan *inter alia* jispjega wkoll ir-raguni ghaliex l-istess Qorti, kif dakinhar komposta, qeghda tiehu konjizzjoni ta' din il-procedura ta' ritrattazzjoni) li jipprovdi hekk:

"Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista' fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet:

– omissis –

"(k) jekk, wara s-sentenza, jkun instab dokument deciziv, u li l-parti li ggibu ma kenitx taf bih, inkella, illi bil-mezzi li taghti l-ligi, ma setghetx issibu, qabel dik is-sentenza."

**<u>IR-RISPOSTA OPPOZITORJA TAR-RITRATTATI KONVENUTI B'MODGENERIKU</u>**

3. Il-konvenuti ritrattati wiegbu li s-sentenza surreferita deciza fi stadju ta' appell favur taghhom kienet wahda gusta u ma kienx hemm lok ghar-ritrattazzjoni taghha, u ghalhekk it-talbiet tar-ritrattandi konjugi Borg ghandom jigi michud bl-ispejjez kontra taghhom.

**<u>IL-BAZI TAR-RITRATTAZZJONI SKOND L-ATTURI</u>**

4. L-atturi ritrattandi, in sostenn tat-talbiet taghhom, esebew zewg dokumenti "godda", li skond huma jirrapprezentaw kif gej:

(i) Dok A: ""survey sheet"" tal-1948
(ii) Dok B: ritratt mill-ajru mehud fis-sena 1939.

Skond ir-ritrattandi, dawn iz-zewg dokumenti la kienu jafu bihom u lanqas setghu ragjonevolment ikunu jafu bihom

bil-mezzi li taghti l-ligi u dana peress illi "kull riferenza ghal ezistenza taghhom giet negata lill-atturi, wisq aktar (sic) inghataw hjiel li jistghu qatt jottjenu access ghalihom u possibbilment li jkollhom kopja taghhom, bil-konsegwenza li dawn id-dokumenti ma setghux igibuhom qabel is-sentenza".

Fit-tieni lok, imbaghad, kwantu ghall-mertu, ighidu illi dawn iz-zewg dokumenti, dejjem skond ir-ritrattandi, kienu "jikkostitwixxu dokumenti konklussivi u decisivi ghall-ezitu tal-vertenza skond il-haqq u s-sewwa u ghal interpretazzjoni ahjar u aktar korretta tal-kuntratti li jinsabu esebiti fl-atti".

## IR-RISPOSTA FIL-PARTIKOLARI TAR-RITRATTATI

5. Apparti li r-rittrattati jikkontestaw il-veradicita` tad-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi fis-sens "li huma skoprew issa" dawn iz-zewg dokumenti, l-istess ritrattati jsostnu anke li mhux bizzejjed li ritrattand kien fl-impossibbilita` li jipproduci d-dokument, imma jrid ukoll jissodisfa lill-Qorti li hu kien ipprova jakkwistah bil-mezzi kollha a disposizzjoni tieghu – li ma jidhirx li hawn dan kien il-kaz.

Minbarra dan, id-dokument irid ikun "wiehed deciziv" u mhux semplici "lixka li biha trid tistad ghal provi ohrajn biex tiggustifikah".

Wara li r-ritrattati jelaboraw in dettall dwar in-natura tad-dokumenti *de quo* u jiccitaw gurisprudenza in propozitu, huma jsostnu li hawn si tratta ta' stratagemma li biha r-ritrattandi qeghdin jintentaw "idahhlu xiehda gdida f'kawza li issa nghalqet u nqatghet mill-Onorabbli Qorti tal-Appell". L-ghan tal-atturi huwa dak li "l-provi jergghu jinfethu u dak li ma rnexxilhomx jaghmlu sa issa, jipprovaw jaghmluh".

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

6. Qabel xejn din il-Qorti tirrileva li f'dana l-istadju hija evitat milli taghti sfond aktar dettaljat dwar is-siwi *o meno* taz-zewg dokumenti esebiti u kif dawn jistghu jew ma

jistghux – skond it-tezi rispettiva ta' naha u ohra – jincidu b'mod determinanti u konklussiv fuq il-mertu proprju tal-vertenza, ghas-semplici raguni li fl-ewwel lok irid jigi stabbilit jekk hemmx bazi legali ghal fini ta' ritrattazzjoni kif hemm previst fil-ligi tal-procedura, kif fuq inghad, indipendentment mill-fatt jekk ir-ritrattandi ghandhomx wara kollox ragun fil-meritu. Dan qieghed jinghad il-ghaliex jekk l-ewwel talba (dik "in rescindente") ma tinstabx li hija attendibbli, ma jkun hemm allura ebda skop li tigi investita u deciza wkoll it-tieni talba (dik "in rescissorio")

7. Kif gia` intqal, bhala parti mill-provi li tressqu mir-ritrattandi, flimkien mar-rikors tal-appell gew ipprezentati f'dana l-istadju zewg dokumenti konsistenti f'"survey sheets" u li jinsabu mmarkati bhala Dok. A u Dok. B, rispettivement liema rikors u atti gew ikkonfermati bil-gurament. Wara li din il-Qorti staqsiet lill-partijiet biex jindikawlha liema xiehda riedu jtellghu u l-iskop tal-prova rikjesta minn kull wiehed minnhom, din il-Qorti ghaddiet biex tisma' bil-gurament lill-persuni segwenti:-

(i) L-Avukat Dottor Mario Scerri:-
(ii) Ir-Reverendu Professur Joseph Bezzina;
(iii) Carl Scerri;
(iv) Alison Zammit;
(v) Eugenio Debono;
(vi) Francis Cauchi;
(vii) Vincent Ciliberti;
(viii) Anton Saliba;
(ix) Aldo Borg;
(x) Joseph Sciberras;

L-Avukat Dr. Vincent Galea ghar-ritrattati esebixxa inoltre dokument kontenenti zewg faccati u li gie markat bhala Dok NS 2, konsistenti f'ricevuta tal-Value Added Tax flimkien ma' notament allegatament maghmul mix-xhud Anton Saliba, hu wiehed mir-ritrattati.

Din il-Qorti semghet imbaghad it-trattazzjoni kemm fuq il-punt dwar jekk hemmx lok ghal fini ta' ritrattazzjoni, <u>kif ukoll</u> f'kaz affermattiv, <u>fil-mertu</u>.

8. Fid-depozizzjoni tieghu, Dottor Mario Scerri, l-avukat tar-ritrattandi, spjega kif, anke jekk b'mod laborjuz biex jigi ghall-punt, illi minn ricerki diversi li huwa ghamel personalment mal-MEPA u mad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici f'Malta u Ghawdex, huwa gie infurmat li bhala "survey sheets" u/jew ritratti, dawn l-entitajiet governattivi kien fadlilhom biss dawk tas-sena 1963 jew 1965. Skopra wkoll li x-"sheets" u "aerial photos" mizmumin fil-librerija ta' Ghawdex kienu tas-sena 1957. Gara pero`, jghid ix-xhud, li f'kawza ohra ppatrocinata minnu, kien gie pprezentat rapport peritali mhejji minn Vincent Ciliberti, "surveyor", u dan "meta l-provi kien issa ngabru f'din il-kawza". U tramite is-sur Ciliberti kellu jiskopri li kienu jezistu fil-fatt "survey sheets" li saru fl-ahhar tas-snin tletin. Jghid li huwa mar jivverifika dwarhom fit-Taqsima tal-"Planning Authority" u gie mgharraf li tad-Dipartiment jafu li huma ghandhom fil-pussess taghhom dawn hekk imsejha "mosaics". Sa fl-ahhar huwa akkwista ritratt "mosaic" tas-sena 1939 li, skond hu, kien "ikkonferma li "survey sheet" tat-30's ukoll dik li giet esebita fir-rikors ghar-ritrattazzjoni miz-zewg partijiet, tirrifletti dak li hemm fir-ritratt tan-1939".

9. Xehed ir-Reverendu Professur Joseph Bezzina, il-persuna responsabbli mill-Arkivju Nazzjonali ta' Ghawdex sa mill-1989 u minn Jannar 2005 assistent arkivist nazzjonali, kompriza z-zona ta' Malta, li qal bla tlaqliq ta' xejn li <u>l-ewwel "survey sheets" li ghandhom huma tas-sena 1957</u> fl-Arkivji li jaghmel minnhom hu, <u>u fil-kaz ta' ohrajn ta' qabel din is-sena ma jezistux</u>. Ix-xhud ikkonferma wkoll li din l-informazzjoni kien gia` ghaddiha lil Dr. Scerri fid-diversi domandi ta' ricerka li dan Dottor Scerri ghamillu dwar is-suggett. Jghid li kienu jezistu izda "sheets" tas-sena 1907, <u>li pero` m'humiex ""survey sheets"</u>. Imbaghad spjega li d-"Dipartment of Surveys" ta' Londra kien johrog "sheets" <u>b'mod ufficjali</u> u li ghalih dawn kienu jammontaw ghal "survey sheets". Kwantu ghad-Dok NS 1, fuq domandi mid-difensur tar-ritrattati, ix-xhud jghid li <u>ma setax jikkonferma</u> li dan id-dokument kien ""survey sheet"" ufficjali. Kulma seta' jghid hu kien li bhal dan id-dokument la kien jezisti fl-Arkivju Nazzjonali ta'

Malta u lanqas f'dak ta' Ghawdex. Ix-xhud pero` ma vverifikax mal-Public Works Department ta' Malta.

Xehed Carl Scerri, impjegat ma' l-Awtorita` tal-Ippjanar. Huwa ghamel indagni, fuq domanda tal-Avukat Scerri, u gie infurmat li "survey sheets" jew ritratti mill-ajru ta' qabel 1957 ma kienux jezistu fid-Dipartiment fejn kien impjegat hu.

10. Xehdet Alison Zammit, segretarja fil-"Mapping Unit" u "Mapping Shops" tal-Awtorita` li xehdet li s-"survey sheets" li kellhom huma kienu mill-1957 'il quddiem. Pero` elaborat li mis-sena 2008 huma ppubblikaw "mosaics", li ma kienux "aerial photos", li kienu jmorru lura sal-1943. Skond ix-xhud, dawn id-dokumenti kienu fil-pussess ("jezistu") ghand il-MEPA, pero` ma kienux accessibbli ghall-pubbliku, b'mod illi kieku xi hadd jistaqsi ghalihom fil-"Mapping Shop", ir-risposta kienet tkun dik li ma tistax tarahom. Anzi x-xhud tghid li hija kienet tirrispondi li "survey sheets" ta' qabel 1957 huma m'ghandhomx.

11. Bl-istess mod, xehed Eugenio Debono "Survey Control Officer" fil-Mapping Unit ta' Malta, jigifieri li lil Dr. Scerri kien wiegbu ufficjalment illi "l-eqdem kopja tar-ritratti li ghandha fil-Mapping Unit huma tan-1957 …. pero` kont ghidtlu wkoll illi fil-Mapping Unit jezisti ktieb ta' ritratti immuntati. M'humiex ir-ritratti li nuzaw normalment biex naghmlu l-Mapping Unit … biex naghmlu mapping". Jekk xi hadd kellu jistaqsieh, huwa kien iwiegeb li ma ghandhomx.

12. Xehed imbaghad Francis Cauchi, Principal Technical Officer mal-MEPA. Fuq domanda specifika tal-Qorti, ix-xhud wiegeb illi li kieku xi membru tal-pubbliku kellu jistaqsihom dwar "aerial sheets" jew ritratti ta' qabel l-1957, ix-xhud kien iwiegbu li:

> "Il-MEPA Ghawdex m'ghandhiex."

Mistoqsi dwar l-ezistenza ta' "survey sheets" qabel is-sena 1956, ix-xhud l-ewwel beda jdur mal-lewza biex

jevita jaghti risposta netta, imbaghad "skarika" kollox fuq il-Professur Bezzina bhala l-persuna li kienet impenjat ruhha biex dawn id-dokumenti jigu migburin u kkonservati. Din il-Qorti m'hijiex sejra taghti hafna piz lix-xiehda ta' Francis Cauchi ghax jekk wiehed jghasarha jiskopri li x-xhud kien aktar mohhu jsib mezz biex juri kemm ma jafx milli bil-maqlub.  Certament din il-Qorti m'hijiex ser toqghod fuq xhud ta' din il-kwalita` pessima.

13.  Xehed imbaghad Vincent Ciliberti, li ghamel zmien jahdem bhala disinjatur ma' kumpannija ta' arkitetti.  Dan ix-xhud jghid li kienu jezistu tassew tali "survey sheets" li jmorru sas-snin tletin.  Bil-kuntrarju tax-xhud precedenti dan ix-xhud wiegeb bla tidwir ghal domanda mill-Qorti dwar l-accessibilita` *o meno* ta' dawn id-dokumenti ghall-pubbliku u jghid hekk:

"<u>Ma kienux</u> il-ghaliex wiehed irid jifhem illi meta saru dawn is-"survey sheets", is-"survey sheets" kienu jsiru dawk li huma maghrufa bhala "Old Ordinance Sheets", mill-militar Ingliz."

Anzi in kontro-ezami x-xhud ikompli jelabora hekk:
"Li qed nghid Dr.  Galea huwa illi nissuspetta minghajr ma nkun qed naghmel stat ta' fatt, (li) <u>il-maggoranza  tan-nies fl-Awtorita` tal-Ippjanar ma kienux jafu bihom dawn</u>".

14.  Il-Qorti imbaghad ghaddiet biex tisma' x-xiehda tar-ritrattati.

Xehed Anton Saliba, iben ir-ritrattati, impjegat mal-Public Works f'Ghawdex.  Dan jghid li cempel l-Arkivju tal-Public Works f'Malta u "qabbduh" ma' xi hadd bl-isem ta' Aldo. Qallu li ried kopji tal-eqdem ""site plan"s" li kellhom.  Ighid li dan Aldo mhux biss qallu li ma kienx hemm ghalfejn imur jigborhom hu ghaliex kien ser jibghathomlu bil-posta imma qal ukoll li dan is-servizz gie pprovdut bla hlas ta' xejn, minkejja li lil din il-persuna lanqas biss kien jafha. Mar ukoll ifittex ghal "aerial photos" ghand il-MEPA f'Ghawdex u bla xkiel ta' xejn staqsa ghal tali dokumenti li jmorru qabel l-1957 u rnexxielu jara bla ebda diffikolta` dawk relativi ghas-sena 1943.

15. Xehed Aldo Borg li wkoll iddikjara car u tond li ghalkemm “survey sheets” tas-snin erbghin kien jaf li jezistu fil-Public Works Department ta’ Malta nies minn Ghawdex “ftit li xejn kienu jafu minnhom….”. Fl-istess waqt jghid ukoll li min imur jistaqsihom ghal “survey sheet” ta’ sena partikolari, ix-xhud wiegeb li huma kienu jippruvaw jaqduh ghalkemm dawk antiki lanqas kienu gew ippubblikati imma biss “ittrejsjati”.

Dr. Galea ghar-ritrattati staqsa lil dan ix-xhud hekk:
“Pero` min jigi jitlob informazzjoni, intom kellkom xi haga mwahhla ghall-pubbliku minn meta kienu jibdew dawn is-“survey sheets”?”

Ir-risposta li nghatat ghal din id-domanda semplici ma setghetx tkun aktar ingarbuljata milli hi u kienet hekk:
“Le ghax dak ma nafx tafx int. Ma nafx qattx gejt. Ikunu f’forma ta’ rollijiet, qishom folders.”

16. Xehed fl-ahharnett, Joseph Sciberras, Principal Technical Officer, impjegat fil-Works Division, Ghawdex. Skond dan ix-xhud f’Ghawdex kienu jezistu “survey sheets” tas-snin qabel l-1957 imma dawn ma kienux ghal wiri (“on display”) imma migbura gewwa kaxxa tal-injam. Ix-xhud l-ewwel xehed li min kien jistaqsi ghalihom kienu juruhomlu ghax dawn kienu disponibbli ghall-pubbliku imma fl-istess nifs jghid hekk:

> “Ma kontx nurihom jien imma naf li kienu jarawhom”.

17. Din il-Qorti wara li gharblet din is-sensiela twila ta’ deposizzjonijiet hija tal-konvinzjoni shiha li ghalkemm “survey sheets” li jmorru aktar lura mis-sena 1957, tassew kienu jezistu dawn ma kenux tabilhaqq disponibbli jew accessibli ghall-pubbliku, kif certi xiehda riedu jaghtu lill-Qorti x’tifhem. Bil-fatt li hu r-ritrattati, Anton Saliba, li kien jahdem fl-istess Dipartiment konness mas-”survey sheets”, akkwista kopji minnhom ma jfissirx li l-istess kien hekk ghall-pubbliku in generali. Il-fatt li kopja ta’ dawn id-dokumenti ntbaghtulu d-dar, bil-posta, wara semplici telefonata lill-persuna skonoxxuta ghalih u dan is-sevizz

gie moghti lilu minghajr ebda hlas ta' tariffi, aktar johloq suspett milli konvinciment dwar kemm tassew dawn is-"survey sheets" kienu accessibbli ghall-pubbliku. Hemm bizzejjed xiehda li turi proprju bil-maqlub. Minbarra dan, id-deposizzjoni tal-avukat Mario Scerri turi sufficjentement u b'mod attendibbli l-impenn trasparenti, persistenti u korrett tieghu biex possibilment jaccedi ghal "survey sheets" ta' snin partikolari li ma kenux accessibbli ghal kulhadd, u kif l-ezitu ta' dawn l-isforzi ripetuti kien negattiv, u li dan ma kienx tort tieghu.

Trattandosi hawn ta' procedura ta' natura eccezzjonali, wahda ta' ritrattazzjoni, din il-Qorti riedet qabel xejn taccerta ruhha li dawn id-dokumenti ta' natura potenzjalment deciziva ghar-rizoluzzjoni tal-vertenza, tassew ma setghux jingiebu fil-kors tal-kawza proprju ghaliex ma kenux accessibbli u li ma kien hemm ebda negligenza jew tnikkir da parti tar-ritrattandi biex jigu prodotti tali dokumenti bhala parti mill-provi taghhom fl-istadju tal-gbir tal-provi.

Ghaldaqstant din il-Qorti tiddeciedi li ghal dak li jirrigwarda t-talba *in rescindente*, hemm bizzejjed provi li jwasslu u jaghtu lok ghat-thassir u revoka tas-sentenza li giet deciza fi stadju ta' appell.

18. Nigu issa ghall-parti *in rescissorio*, jigifieri darba li s-sentenza moghtija minn din l-istess Qorti in data tal-4 ta' Lulju 2008 issa giet revokata, u darba li r-ritrattandi esebew iz-zewg dokumenti surreferiti bhala parti mill-provi li riedu jressqu sa mill-bidunett, hemm lok biex it-talbiet taghhom originali jigu milqugha? Skond ir-ritrattandi atturi, huwa ovvju li r-risposta ghal din id-domanda hija fl-affermattiv, filwaqt li l-kontroparti ritrattata xorta wahda twiegeb fin-negattiv.

## IT-TEZI TAR-RITRATTANDI

19. Skond ir-ritrattandi "is-"survey sheet" tal-1943 u r-ritratti mill-ajru tal-1939, jeskludu ghal kollox li kien jezisti sa dak iz-zmien, il-passagg li jidher fis-"survey sheets" tal-1964/65 esebit in atti, u li l-konvenuti konvenjentement

irreferew ghalih bhala li huwa l-entrata comune li jissemma' (recte tissemma') fil-kuntratt tal-1896, u certament dawn id-dokumenti godda jnehhu kull dubju li qabel l-1939 kien hemm id-dhul li l-konvenuti jippretendu li ghandhom jghaddu minnu biex jidhlu ghar-raba taghhom, liema dhul gie ffurmat meta sar il-bini gdid mir-rikorrent wara s-sena 1957, ghaliex qabel kien hemm hajt tas-sejjiegh kontinwu kif ser jirrizulta wara li jigu ammessi d-dokumenti godda kollha misjuba li ghalihom qed issir riferenza, u r-raba tal-attur kien jaccedi ghalih mid-dar, liema dokument tal-1943 wassal biex instabu wkoll is-"survey sheets" tal-1898, li hawn Malta ma tinsab ebda kopja taghhom, u jinsabu biss fl-Arkivju Nazzjonali ta' Londra."

## IR-RISPOSTA TAR-RITRATTATI

20. Ir-ritrattati xorta wahda ghadhom xettici li bid-dokumenti 'godda' esebiti ghandu jkun hemm xi kambjament minn kif deciz mill-Qorti tal-Appell. Anzi huma jsostnu li kollox ghandu jibqa' invarjat minn kif gie deciz.

Jghidu li r-ritratti indikati mill-kontroparti bhala li huma tas-sena 1939, bhala fatt jekk thares lejn id-dok. B, isib fuqu s-sena 1943. Huma jirreferu mbaghad ghax-xiehda moghtija minn Joseph Borg innifsu, ir-ritrattand, u li ghaliha saret specifikament riferenza mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha. Minn dan kollu, skond ir-ritrattati, ghandu jirrizulta li l-passagg *de quo*, ilu snin twal jezisti – minn zmien in-nannu u buznannu tar-ritrattand li twieled fl-1935 skond il-karta tal-identita` tieghu. Ghalhekk jekk dan il-passagg kien ilu jezisti daqstant, wiehed jipprezumi li dan il-passagg kien jezisti ferm qabel l-1935. Kwindi ma jistax ikun li d-dokumenti juru li dan il-passagg ma kienx jezisti fl-1939 jew qabel. Lanqas ma jista' jwasslu ghal konkluzjoni errata taghhom (i.e. tar-ritrattandi) li dan il-passagg "gie ffurmat meta sar il-bini gdid mir-rikorrent wara s-sena 1957". L-istess haga xehdu Toni Saliba, Irena Bugeja u Rose Axiaq (anzjana ta' disghin sena) – li lkoll jistqarru li kienu jghaddu mill-passagg *de quo* sa minn ckunithom.

Barra minn dan, id-Dok C konsistenti f'"survey sheet" tal-1988 (ara Dok VG1 mar-risposta tar-ritrattati), jeskludi parti kbira mill-passagg, oltre li fuq gewwa u fuq barra jidher li hemm hajt kontinwu. Skond ir-ritrattati "il-passagg jezisti fl-intier tieghu u l-hajt ma huwiex kontinwu". Kif allura jista' xi hadd jghid li l-passagg qieghed hemm fic-cert izda ma jidhirx? Mhux bizzejjed li twiegeb billi tghid li fis-sena 1988 it-teknologija hija aktar avvanzata. Mhux minnu lanqas li d-dokumenti "godda" li gew ipprezentati huma "konklussivi u decisivi" u dan fid-direzzjoni li tiggjova lit-tezi tar-ritrattandi, kif dawn qeghdin jippretendu.

Is-"survey sheet" Dok VG-1 li giet esebita mir-ritrattati invece turi kemm kienet gusta u korretta l-Qorti tal-Appell fis-sentenza ritrattata.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

21. Din il-Qorti, wara li hadet kont tal-atti kollha processwali u s-sottomissjonijiet, kemm orali kif ukoll dawk in iskritt, sejra issa tghaddi biex tiddelibera dwar il-meritu tal-vertenza u specifikament, tikkunsidra u tiddeciedi jekk, bil-produzzjoni taz-zewg dokumenti surreferiti, ghandux ikun hemm xi tibdil minn kif gia` deciz minn din il-Qorti.

Ir-ritrattandi jsostnu li ż-żewġ dokumenti ġodda u cioe` ir-ritratti mill-ajru tas-sena 1939 (Dok B)[1] u s-"survey sheet" tas-sena 1943[2] (Dok A) "jeskludu għal kollox li kien jeżisti sa dak iż-żmien il-passaġġ li jidher fis-"survey sheets" ta' 1964/65[3] esebit in atti, u li l-konvenuti konvenjentement irreferew għalih bħala li huwa l-'entrata comune' li jissemma' fil-kuntratt tal-1896".
Ir-ritrattandi jinsistu li dawn id-dokumenti ġodda "jneħħu kull dubju li qabel l-1939 kien hemm dan id-dhul li l-konvenuti jippretendu li għandhom jgħaddu minnu biex

[1] Skond l-istess dokument is-sena hija 1943 u mhux 1939

[2] Fuq dan id-dokument ma tidher indikata l-ebda sena

[3] Is-"survey sheet" li fuqha jidher il-passaġġ huwa fil-fatt tal-1957

jidħlu għar-raba tagħhom, liema dħul ġie ffurmat meta sar il-bini ġdid mir-rikorrent wara s-sena 1957, għaliex qabel kien hemm ħajt tas-sejjieħ kontinwu kif ser jirriżulta wara li jiġi (sic) ammessi d-dokumenti ġodda…"

Din il-Qorti għaddiet biex teżamina dawn iż-żewġ dokumenti ġodda u ghamlet il-kostatazzjonijiet li gejjin dwarhom:

Dok A

Dok A jidher li huwa estratt minn "survey sheet". Ma tirriżulta l-ebda data fuqu, iżda incidentalment ir-ritrattati esebew Dok NS1 li huwa "survey sheet" number 8, li n-nota annessa miegħu tikkonferma li dan huwa "edition 1940".[4] Jekk wieħed iqabbel Dok A esebit mir-ritrattandi ma' dan id-Dok NS1 esebit mir-ritrattati isib li huma identici (għalkemm Dok NS1 ikopri area ikbar minn Dok A.)

Din il-Qorti fliet bir-reqqa id-Dok A u sabet li, kif osservaw ir-ritrattandi, il-passaġġ in kwistjoni (li kien jidher fis-"survey sheet" tal-1957 esebit diversi drabi fl-atti tal-ewwel kawża) ma jidhirx. Ovvjament jekk jirriżulta abjad fuq l-iswed li sa l-1940 il-passaġġ kien għadu ma ġiex ikkreat isegwi allura li l-"entrata comune" indikata fil-kuntratt tal-1896 ma setax kien qed jirreferi għalih.

Ir-ritrattati pero` da parti tagħhom esebew Dok VG1 biex jippruvaw li l-fatt li passaġġ ma jkunx indikat fuq "survey sheet" ma jfissrix li fil-fatt ma jkunx jeżisti. Dok VG1 huwa "site plan" taż-żona in kwistjoni maħruġ fil-15 ta' Ottubru 2008 li skond ir-ritrattati jirreferi għas-sena 1988[5]. Fuq din is-"site plan" il-passaġġ ma jidhirx, meta ma hemm l-ebda kontestazzjoni li kien fil-fatt jeżisti dak iż-żmien.

[4] Fix-xiehda tiegħu tat-2 ta' Frar 2009, Aldo Borg, ufficjal tekniku mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet, ikkonferma li n-nota annessa mal-pjanta kien kitibha hu, u għalkemm is-sena ma tidhirx indikata fuq il-pjanta Dok NS1 huwa kkonferma li s-sur Saliba kien talab specifikament "survey sheet"s ta' żmien l-erbgħinijiet u huma kienu sabuhom bejn wieħed u ieħor ta' dawk l-akkwati.

[5] Fil-fatt Aldo Borg fix-xiehda tiegħu tat-2 ta' Frar 2009 ikkonferma li l-iżjed "survey sheet" ricenti li teżisti hija tas-sena 1988. "*Kieku* (il-pubbliku) *jkun irid waħda recenti nagħtuh tal-88…"*

Jidher biss ħjiel ta' passaġġ fuq in-naħa ta' wara. Il-Qorti tosserva li l-ħajt ta' mat-triq jidher kontinwu u ma tidher l-ebda qasma fih biex turi l-fetħa tal-passaġġ u l-passaġġ innifsu. Dan id-dokument certament jitfa' dubju allura fuq kemm is-"survey sheets" jindikaw kull passaġġ li effettivament jeżisti. Skond id-dokumenti li għandha quddiemha din il-Qorti, jidher li l-passaġġ ma kienx jeżisti fl-1940, kien imbagħad jeżisti fl-1957, iżda bicca kbira minnu sparixxa skond is-"survey sheet" tal-1988, meta ma hemmx kontestazzjoni li l-passaġġ kien fil-fatt jeżisti fl-1988!

Isegwi allura li Dok A esebit mir-ritrattandi mhux xi dokument deciżiv li din il-Qorti tista' toqgħod fuqu biex teskludi li l-passaġġ fil-fatt kien jeżisti fl-erbgħinijiet.

Dok B

Din il-Qorti fliet ukoll Dok B, li huwa kopja ta' ritratt meħud mill-ajru u datat 1943. Il-parti li tikkoncerna l-passaġġ in kwistjoni hija maqsuma f'żewġ ritratti: Sheet 4 u Sheet 10. Ir-ritrattandi jidhrilhom li dawn ir-ritratti jeskludu għal kollox li dak iż-żmien kienet teżisti l-entrata li llum tinsab bejn id-dar u l-mandretta tal-atturi u jsostnu li din fil-fatt ġiet ikkreata wara s-sena 1957.

Din il-Qorti pero` mhix konvinta li r-ritratti huma daqshekk deciżivi. Ir-ritratti m'humhiex cari, huma żgħar, u wieħed irid iżomm f'rasu li, kif jidher mir-ritratti esebiti fl-atti tal-ewwel istanza kif ukoll fl-atti tal-appell, il-passaġġ huwa wieħed relattivament dejjaq. (Fil-fatt fl-access li kien sar fit-20 ta' Mejju 2003, il-Qorti tal-Maġistrati kienet osservat li l-passaġġ huwa dejjaq "qisu wisgħa ta' xi tlett piedi"[6].)

Rilevanti hija x-xiehda ta' Eugenio Debono li huwa "Survey Control" Officer fil-"Mapping Unit" tal-MEPA. Fix-xiehda tiegħu tat-2 ta' Frar 2009 spjega li l-ktieb tar-ritratti li għandhom (li minnu hu meħud Dok B) m'humiex ritratti li normalment jużaw biex jagħmlu l-mapping fil-"Mapping Unit". Qal illi : "Il-valur tekniku tagħhom m'huwiex

[6] Fol 240

daqstant, kważi null għaliex dawn m'humiex magħmulin b'teknika li nużaw biex issir il-mapping…". Huwa fil-fatt xehed li "…qatt ma għamilina użu minnhom".

F'email li huwa kien bagħat lid-difensur tar-ritrattandi, Dr Mario Scerri (fol 43), huwa kien qallu hekk:
"Fil-Mapping Unit jeżisti wkoll ktieb ta' ritratti immuntati ma' xulxin (mosaic) li jiffurmaw dik li tissejjaħ "Photomap". L-iskala approssimattiva ta' dawn ir-ritratti hija ta' 1:2500 u d-daqs ta' kull folja huwa ta' A2. Dawn ir-ritratti kienu ttieħdu għall-aħħar tal-1943. Tajjeb tkun taf ukoll illi minħabba l-fatt li l-iskala tar-ritratti hija approssimattiva ħafna u l-mod kif kienu ġew immuntati dawn ir-ritratti m'hijiex daqstant preċiża, il-prodott huwa ta' kwalita` teknika verament baxxa. Għaldaqstant dan il-"Photomap" kien spicca arkivjat f'kexxun u rarament kien ikun offrut lill-pubbliku għall-konsultazzjoni."

Fix-xiehda tiegħu huwa qal li dawn ir-ritratti ossia *mosaics*, "kienu jeżistu pero kienu f'kexxun peress li kienu perikolużi". Spjega li meta Dr Scerri talabhomlu saqsa lil ħaddieħor li jieħu ħsiebhom, u dan fetaħlu kexxun. "Kif rajthom inħsadt jiena għidt imma dawn kellhom raġun ikunu fil-kexxun għaliex perikolużi".

<u>Anton Saliba</u>, bin il-konvenuti ritrattati, fix-xiehda tiegħu tat-2 ta' Frar 2009 xehed hekk dwar ir-ritratti mill-ajru: "Imbagħad mort jiġifieri MEPA u x' ħin mort biex infittex aerial photos idaħħluk ġo l-arkivju u bdew juruni l-aerial photos. Imbagħad fil-fatt kont staqsejthom liema hi l-eqdem waħda u kont rajt tal-1943. Kont rajt tan-1943 kien fetaħli file imma lili kien qalli li ma humhiex cari biex tirrikonoxxi minn fuqhom u fil-fatt kont ħadt nota. Jien għamilt nota li x'ħin saqsejthom qaluli m'humiex cari għax qaluli dawk għaqduhom kollha ma' xulxin. Kien jgħaddi ajruplan jieħu ħafna ritratti, iqassqsuhom qalli ma tistax tikkonoxxihom mija fil-mija hekk qalli.."[7]

---

[7] Fil-fatt in-nota esebita a fol 123 tal-process tar-ritrattazzjoni taqra hekk: *"l-eqdem photo aerial li għandhom hu ta' Ottubru 1943 iżda l-istampa ma tantx hi cara u certi affarijiet ma tikkonoxxihomx l-anqas bi speci ta' lenti. Ray."* Huwa xehed li ma jiftakarx li min kien kellem iżda osserva li kien niżżel l-isem "*Ray"* fuq in-nota.

<u>Alison Zammit</u>, li hija segretarja fil-Mapping Unit u fil-Mapping Shop xehdet illi fil-fatt ma kinux jgħidu lill-pubbliku li jeżistu dawn ir-ritratti meħudin mill-ajru għalkemm kienu fil-fatt jeżistu minħabba li "…huma mosaics, m'humiex, mhux ritratt, distorted…"

Jidher għalhekk li lanqas dan id-Dok B ma huwa wieħed konklużiv u għalhekk ma jistax wieħed joqgħod fuqu biex jistabbilixxi jekk il-passaġġ mertu tal-kawża kienx jeżisti jew le fiż-żmien li ttieħdu r-ritratti mill-ajru. Isegwi allura li dawn iż-żewġ dokumenti tas-snin erbgħin bl-ebda mod ma jippruvaw li l-passaġġ ma kienx jeżisti dak iż-żmien, kif fil-fatt qed isostnu r-ritrattandi.

Għalkemm ir-ritrattandi fir-rikors għar-ritrattazzjoni tagħhom jinsistu li l-passaġġ in kwistjoni "ġie iffurmat meta sar il-bini ġdid mir-rikorrent wara s-sena 1957", il-provi prodotti ma jimmilitawx favur din it-teżi.
Kif kienet osservat din il-Qorti fil-procedura tal-appell, fis-"survey sheet" tal-1957, il-passaġġ diġa` kien jidher ampjament car, u għalkemm wieħed jista' jargumenta li s-"survey sheets" mhux dejjem ikunu konklużivi bħal ma rajna fil-każ tas-"survey sheet" tal-1988 (Dok VG1) fejn il-passaġġ li nafu li diġa` kien jeżisti dak iż-żmien ma jidhirx indikat fil-parti kbira tiegħu, hija differenti s-sitwazzjoni meta l-passaġġ effettivament <u>ikun</u> indikat. Ladarba l-passaġġ ġie indikat fuq is-"survey sheet" tal-1957 allura jsegwi li tali passaġġ kien ġie osservat u allura kien certament diġa jeżisti fis-sena 1957. In-negattiv joħloq dubju, iżda l-pożittiv huwa difficli li tinnegah. (Per ezempju mhux l-ewwel darba li Malta ma tiġix indikata fuq mappa tad-dinja, b'danakollu ma jfissirx li ma tkunx qegħda hemm. Min-naħa l-oħra, meta tiġi indikata din hija prova li Malta teżisti!)

Ir-ritrattandi qed isostnu li l-passaġġ mertu tal-kawża "…ġie ffurmat meta sar il-bini ġdid mir-rikorrent wara s-sena 1957 għaliex qabel kien hemm ħajt tas-sejjieħ kontinwu…". Wieħed allura jistaqsi: kif fis-sena 1957 u

anke xi sena jew tnejn qabel[8] il-passaġġ kien diġa ġie osservat u officjalment innutat u l-ħajt ma jidhirx kontinwu iżda hemm ftuħ?

Inoltre, minn dak li jgħidu xi xhieda prodotti ukoll ma jirriżultax li l-passaġġ *de quo* nħoloq wara l-1957 kif qed isostnu r-ritrattandi. Kif kienet osservat din il-Qorti fil-procedura tal-appell, l-attur stess, Joseph Borg kien ammetta li l-entrata kienet għand nannuh Sebastiano Axiak u bużnannuh Rosario Axiak. Dan għalhekk ifisser li bil-fors li kien ilu jeżisti snin twal qabel l-1957. Ifisser ukoll allura li l-probabbilita` kbira hi li l-kuntratt tal-1896 li jitkellem fuq id-"diritto di passaggio dall'entrata comune", kien qed jirreferi proprju għal dan il-passaġġ in kwistjoni.

Għalkemm l-attur fix-xiehda tiegħu tal-11 ta' Jannar 1996 kien qal li l-"entrata comune" imsemmija fil-kuntratt ta' l-1896 hija referenza għat-triq u mhux għall-passaġġ in kwistjoni[9], fil-kontro-eżami tiegħu tat-2 ta' Mejju 1996 in segwitu xehed li l-"entrata comune" ma tirreferix għat-triq[10]. Fi kwalunkwe każ, lanqas jagħmel sens li kuntratt jispecifika n-nies li jgawdu dritt ta' passaġġ fuq triq pubblika. Huwa iktar verosimili li kuntratt jispecifika n-nies li jgawdu dritt ta' passaġġ meta si tratta ta' entrata komuni bħal ma hi dik in kwistjoni.

---

[8] Ir-Rev Profs Joseph Bezzina fix-xiehda tiegħu tat-2 ta' Frar 2009 xehed illi s-"survey sheet"s datati 1957 fil-fatt ikunu saru fil-1955/ 1956.

[9] "Dr Alfred Grech: *Jiġifieri l-entrata komuni li hija msemmija f'dak il-kuntratt hija t-triq li qed issemmi, mhux il-passaġġ tiegħek.*
Xhud: *Le mhix,….dik it-triq li qed insemmi*". (fol 61)

[10] "Dr Anton Refalo: *Jiġifieri l-kuntratt tiegħek jgħid illi hemm entrata komuni u din l-entrata komuni għalik hija din it-triq ta' Għajn Melel*
Xhud: *It-triq ta' Għajn Melel hi t-triq li jgħaddi kulħadd minnha u l-entrata kienet qegħda għal bicca min-nies li kellhom raba hemm ġewwa*
Dr Refalo: *Allura l-entrata komuni mhux l-istess bħat-triq. Sewwa qed ngħid jien?*
Xhud: *L-entrata komuni mhux l-istess bħat-triq imma l-entrata komuni qegħda hemmhekk għal dawk in-nies biss…. il-main road.*
Dr Refalo: *Allura biex il-Qorti tkun cara, meta l-kuntratt tiegħek isemmi entrata komuni, mhux jirreferi għat-triq Għajn Melel, li hi asfaltata*
Xhud: *Le ma jirreferix għat-Triq Għajn Melel*
Dr Refalo: *Allura inti fix-xiehda tiegħek kif għidt illi l-entrata komuni hija t-triq, mhux it-triq*
Xhud: *Le mhux it-triq"* (fol 75-55)

Di piu` ix-xhud Rose Axiaq li fiż-żmien li xehdet[11] kellha 81 sena qalet "Aħna minn dejjem konna ngħaddu minn hemm" u żiedet tgħid ukoll li lil Bastjan Axiak, bin Rosario, (cioe` in-nannu tal-attur) kienet tafu u li kien darba talab lil missierha biex idejjaq il-passaġġ ħalli jwessa' l-post tiegħu u hu jagħtihom parti mill-mandra. Kompliet tgħid li għalkemm misserha kien accetta u Bastjan kien ħa parti mill-passaġġ, baqa' ma tahomx mill-mandra. Dan kollu jikkonferma x-xiehda tal-attur li fi żmien nannuh il-passaġġ kien diġa hemm u in oltre jipprova mhux biss li l-passaġġ kien jinsab bejn id-dar u l-mandra, iżda wkoll li n-nannu tal-attur kif jaf li ma kellux titolu ta' proprjeta` fuq il-passaġġ.

Francis Bugeja li fiż-żmien li xehed[12] kellu tmienja u sittin (68) sena mistoqsi għaliex jippretendi li għandu dritt jgħaddi mill-passaġġ irrisponda li "Jiena għandi nifhem li ta' tmin snin kont nifhimha x' inhi tgħidli ommi. Kienet tgħaddi minn hemmhekk meta kienet xebba ommi u anke n-nannu kien jgħaddi minn hemmhekk." Konferma oħra li l-passaġġ ilu jeżisti u li kien jintuża ferm qabel l-1957.

Din il-Qorti għalhekk tibqa' tal-fehma li l-passaġġ mertu tal-kawża ilu żmien twil jeżisti u li l-probabilita` hija li d-dritt ta' passaġġ minn fuq l-"entrata comune" li jissemma' fil-kuntratt tal-1896 kien qed jirreferi propju għalih. Isegwi li Sebastiano Axiak li kellu biss id-dritt li jgħaddi minn fuq dan il-passaġġ ma setax ittrasferixxa l-passaġġ innifsu lill-attur ritrattand Joseph Borg bil-kuntratt tal-1954. L-atturi ritrattandi fil-fehma ta' din il-Qorti ma rnexxilhomx jippruvaw li għandhom titolu ta' proprjeta` fir-rigward tal-passaġġ in kwistjoni.

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti filwaqt li tikkonferma s-sentenza tal-appell tal-4 ta' Lulju 2008 fl-intier tagħha, tichad it-talba tar-ritrattandi sabiex jintlaqghu t-talbiet attrici taghhom u jigu rigettati l-eccezzjonijiet tal-konjugi Saliba.

---

[11] 22 ta' Frar 1996

[12] 6 ta' April 2001

L-ispejjeż gudizzjarji relativi ghal din ir-ritrattazzjoni ghandhom jithallsu unikament mir-ritrattandi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------